GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT,
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAS-SNIN BIKRIN, LINGWI U STUDJI UMANISTIĊI

# ĊIRKULARI

**Data:** 11 ta' Ottubru 2023 **Ref:** DELH 025/2023

**Lis-:** Segretarju Permanenti, Diretturi Ġenerali, Diretturi, CIO, Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi, Uffiċjali Edukattivi, Kapijiet tal-Iskejjel Sekondarji tal-Istat, Knisja u Indipendenti, Kapijiet tal-Entitajiet

**Mingħand:** David Muscat, Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** **Kors fl-Ortografija tal-Malti għall-Istudenti tal-10 u l-11-il Sena**

---

Il-kapijiet tal-iskejjel huma ġentilment mitluba jgħaddu din iċ-ċirkolari lill-istudenti tal-10 u tal-11-il Sena li se jagħmlu l-eżami taċ-ĊES fl-2024.

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni tistieden lill-istudenti tal-10 sena u dawk tal-11-il sena li se jagħmlu l-eżami tal-Malti taċ-ĊES fl-2024 biex isegwu kors ta' aġġornament dwar l-Ortografija tal-Malti, akkreditat f'Livell 3 (MQF).

Dan il-kors huwa mmirat għal dawk l-istudenti li jixtiequ jżommu ruħhom aġġornati mar-regoli ortografiċi u grammatikali tal-Malti. Il-kors se jsir kemm b'mod virtwali bl-użu tal-Microsoft Teams kif ukoll fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Joseph Abela Scolaro, il-Ħamrun.

Il-kors se jingħata mis-Sur Karl Scicluna. Fih 12-il sessjoni ta' siegħa u se jsir online kull nhar ta' Tlieta mill-3:45pm sal-4:45pm jew mill-5:00pm sas-6:00pm fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu fil-jiem li ġejjin:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 31 ta' Ottubru | 7 ta' Novembru | 14 ta' Novembru | 21 ta' Novembru |
| 28 ta' Novembru | 5 ta' Diċembru | 12 ta' Diċembru | 19 ta' Diċembru |
| 9 ta' Jannar | 16 ta' Jannar | 23 ta' Jannar | 30 ta' Jannar |

Il-miżata ta' dan il-kors hija ta' €24. Min itemm il-kors b'suċċess jingħata ċertifikat f'Livell 3 MQF mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu. L-istudenti li jkunu kkonfermati li se jattendu jintalbu jħallsu l-miżata permezz ta' ċekk indirizzat lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu jew bi trasferiment dirett f'dan il-kont bankarju MT54VALL22013000000040023748325.

L-istudenti li jixtiequ jattendu dan il-kors għandhom jimlew formola ta' applikazzjoni permezz ta' Microsoft Forms billi jagħfsu fuq din il-ħolqa: https://forms.office.com/e/3XWvWjnTSs Jekk jogħġobkom, imlew l-applikazzjoni sa mhux aktar tard minn **nhar it-Tnejn, 23 ta' Ottubru 2023**. L-applikanti għandhom jindikaw il-ħin tal-lezzjonijiet li jippreferu għal dawn it-12-il sessjoni.

Min ikollu xi diffikultà, jista' jċempel 2598 3326.

Grazzi tal-attenzjoni,

**Sandra Ebejer**
**Direttriċi**
**Snin Bikrin, Lingwi u Studji Umanistiċi**

t + 356 2598 2426 e dlap@gov.mt | www.education.gov.mt